MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1304/1999/1

**Lily Abela**

**vs**

**John Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Gunju 1999, a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elf, disa` mija u hamsa u disghin (1995) gie celebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti (Dok. "A") liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' l-Att bin-numru ta' l-iskrizzjoni ta' elf, u wiehed u ghoxrin sbarra hamsa u disghin (1021/95);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet baqghu improle;

Illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb bi vjolenza morali jew biza`;

Illi ukoll, il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi ukoll, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ukoll, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi dan kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk, iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Gunju 1995, huwa null u bla effett a tenur ta’ l-**artikolu dsatax (19) sub-incizi (1) paragrafi (a), (d) u (f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta);**

Illi ghalhekk l-istess atttici talbet lill-Qorti sabiex:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Gunju 1995 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg li kopja tieghu hi hawn annessa (Dok. “A”).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 6 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 21 ta' Dicembru 1999 fejn permezz taghha tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta datat 8 ta' Marzu 2000;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datata 20 ta' Marzu 2000 fejn talbet li l-konvenut jigi notifikat wara l-hin legali;
Rat id-digriet tal-21 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 5 ta' April 2000, fejn gie eccepit:

1. Illi ghalkemm l-esponent ma jikkontestax il-fatt illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett izda dan mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-esponent izda lill-intimata;

2. Illi ghalkemm l-esponent jaqbel illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, dan ghall-fatti li ser jirrizultaw waqt il-kawza, imputabbli principalment lill-intimata u mhux lill-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-23 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali; ta' l-24 ta' Novembru 2000; tat-13 ta' Gunju 2001; tad-19 ta' Novembru 2001;

Rat l-avviz ta' l-10 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita sabiex tkompli tinstema` quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) jum lill-konvenut sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu u ordnat li jinzammu zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut;

Rat in-nota tal-konvenut datata 6 ta’ Dicembru 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat in-nota ta’ l-attrici tad-29 ta’ Jannar 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2003;

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta’ Mejju 2003; tas-17 ta’ Gunju 2003; u tat-28 ta’ Ottubru 2003;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali pprezentat fl-1 ta’ Ottubru 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2004 u ta’ l-24 ta’ Frar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta’ Ottubru 2004;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti rrikjamat il-kawza ghas-sentenza ghall-lum, 30 ta’ Gunju 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### i. <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attrici xehdet kemm *viva voce* kif ukoll permezz ta’ affidavit qasir u qalet illi hija kellha sittax-il (16) sena meta iltaqghet mal-konvenut filwaqt illi huwa kellu tlieta u ghoxrin (23) sena. Huwa kien l-ewwel *boyfriend steady* taghha. Kienet taf illi qabilha huwa kellu relazzjonijiet fissi ma’ nisa ohra, izda qatt ma kompla maghhom. Mill-ewwel huma bdew johorgu flimkien bis-serjeta`. Il-genituri taghha ma fixkluhiex f’din ir-relazzjoni u lill-konvenut laqghuh. Minn naha taghha mal-familjari tal-konvenut, l-attrici ma

tantx kellha kuntatt ghalkemm hija qatt ma kellha xi tghid maghhom. L-gherusija damet disa` snin.

L-attrici tkompli tghid illi l-gherusija taghhom kienet wahda normali, b'xi argument 'l hemm jew 'l hawn, izda huma qatt ma hassru. Huma kienu diga` qeghdin jippjanaw ghaz-zwieg, meta sena u tmien xhur qabel iz-zwieg, l-attrici indunat li kienet harget tqila. Tghid illi kellha sitt gimghat tqala meta ndunat u l-konvenut kien jaf mill-ewwel. Meta qaltlu, indunat illi huwa ma kienx ha gost b'din l-ahbar ghaliex kien qalilha: *"ara ma' min mort, dak mhux minn tieghi."* Hija tghid illi fil-perijodu ta' l-gherusija, hija qatt ma kellha hbiberija ohra ghalhekk meta l-konvenut qalilha dan id-diskors, hija hasset qisu xi hadd serqilha xi haga minn go fiha. Dak il-hin hija ddecidiet li taghmel abort u l-konvenut ma ghamel xejn sabiex izommha milli taghmel dan. Ghalhekk hija tilfet kull fiducja fih minn dak il-mument. It-tarbija hija tilfitha izda huma xorta wahda baqghu johorgu flimkien. Huwa kien jghidilha illi jekk ma tizzewgux, issa ma kienet ser issib lil hadd li ikun irid jizzewwigha. Tghid illi hija kienet haditha bi kbira hafna li tilfet it-tarbija u ghadha sa llum issofri minhabba dan. Tghid illi hija ma kienet fethet qalbha ma' hadd. Ghalkemm ommha kienet taf illi l-konvenut kien cahad li t-tarbija kienet tieghu, izda hija qatt ma qaltilha bid-dikors li kien qalilha wara. Fil-fatt ommha kienet indunat illi kien hemm xi haga hazina, izda hija qatt ma qaltilha. Hija tahseb illi l-konvenut kien jaf kif hija bdiet thossha. Minhabba d-diskors li kien jghidilha hija kienet tilfet is-*self esteem* li kellha u hija bdiet temmen id-diskors li kien jghidilha ripetutament.

L-attrici tkompli tghid illi huma kienu ffissaw id-data tat-tieg sentejn qabel izzewgu. Wara l-incident tat-tarbija, huma ma tantx kienu ghamlu pjanijiet dwar tfal. Tghid illi l-konvenut kien semmihom wara z-zwieg meta kienu bdew il-problemi bejniethom. Huma zzewwgu fid-data ippjanata u damu jghixu taht l-istess saqaf madwar sena u tmien xhur. Ghall-ewwel sitt xhur taz-zwieg kollox mexa sew u l-konvenut kien waqaf jghidilha id-diskors li kien jghidilha qabel iz-zwieg. F'Dicembru 1995 huma siefru lejn l-Awstralja u gew lura f'Jannar 1996. Hmistax-il gurnata

wara huwa beda` jakkuzaha li kellha lil xi haddiehor u hekk baqa’ sejjer. Minn hawn ir-relazzjoni ta’ bejniethom bdiet sejra lura. Anke ir-relazzjonijiet sesswali taghhom bdew sejrin lura tant illi fl-ahhar sfaxxaw fix-xejn. Huma sseparaw fl-1998. Hija telqghet mid-dar f’Ottubru 1997. Ghalkemm ippruvaw jirrikonciljaw u anke marru ghal *counselling* ghal madwar tmien xhur, izda dan kien kollu ghal ta’ xejn ghaliex kuljum kien joqghod jaqla’ xi storja u hi bdiet thoss illi hija kienet biss il-persuna biex tehdolu hsieb l-affarijiet tieghu u xejn iktar.

L-attrici tghid illi hija ma tafx ghalfejn kien izzewwigha l-konvenut. Minn naha taghha hija izzewgitu minhabba d-diskors li kien jghidilha. Certament hija ma kenitx kif kien jahseb hu u riedet turih dan. Rigward il-preparamenti qabel iz-zwieg, l-attrici tghid illi l-konvenut kien dejjem isib xi skuza sabeix ma jkomplix bix-xoghol fid-dar matrimonjali u fil-fatt din id-dar baqghet ma tlestietx.

<u>Salvina Abela</u>, omm l-attrici tghid illi bintha hija tifla kwieta hafna, titkellem biss jekk tkellimha. Bhala karattru ghalhekk hija izomm l-affarijiet go fiha anke jekk ikollha problema. Izomm l-inkwiet mistur go fiha.

Tghid illi bintha bdiet tohrog mal-konvenut meta hija kienet ghadha kemm harget mill-iskola. L-konvenut kien akbar minnha sitt snin. Hija ma haditx gost ghaliex xtaqitha tkompli bl-iskola. L-konvenut kien beda` jidhol id-dar kwazi mill-bidu u dan b’kumbinazzjoni peress illi kellha ohtha ghal btala mill-Awstralja u nsistiet ma’ bintha biex iggibu d-dar halli tarah. Minn dakinhar l-konvenut baqa’ jidhol ghandhom id-dar regolarment. Hija tghid illi meta l-konvenut kien imur ghandhom kien idum biss siegha. Meta hija kienet tirimarkalu illi dan kien ftit tal-hin sabiex ifittex lill-gharusa huwa kien qalilha illi qabel huwa kien imur ghand ohtu sabiex jidhaq xi dahqa, meta ghandhom lanqas biss kien jiftah halqu. Hu u bintha kienu joqghodu jaraw it-*television* u qatt ma rathom jikkarezzaw lil xulxin jew juru xi sinjali partikolari ta’ affett. Quddiemha, almenu hija qatt ma rathom jinhabbu bhal zewg gharajjes normali. Kienet tara illi l-konvenut kien migbud hafna lejn il-familja tieghu u li kien igibhom l-ewwel u qabel kollox. Meta qabel

iz-zwieg, il-kontendenti kienu qed jibnu id-dar taz-zwieg taghhom, il-konvenut kien jghid quddiemha illi id-dar kienet ser tkun ghat-tfal ta’ hutu. *Inoltre*, qabel iz-zwieg il-konvenut kien qal car u tond illi huwa ma riedx tfal. Meta hija kienet irrimarkatlu illi din kienet xi haga f’idejn Alla, huwa kien qabad jidhaq.

Omm l-attrici tghid illi sena u tmien xhur qabel iz-zwieg, l-kontendenti kienu gharrfuha illi Lily kienet harget tqila. Ir-ragel taghha kien qieghed ix-xoghol meta tawha l-ahbar u hi hadet qatgha kbira ghaliex qatt ma kienet tobsorha minn bintha. Tghid illi bintha kienet baqghet siekta u kien hu li tkellem. Ftit wara bintha kienet qaltilha illi John kien qalilha illi it-tarbija li kienet qed tistenna ma kenitx tieghu u qalilha diskors fis-sens illi hija taf x’kienet ghamlet. Tant kellha inkwiet mieghu illi spiccat tilfet it-tarbija. Wara dan hija rat illi bintha iktar inghalqet fiha innifisha. Il-konvenut baqa’ jmur ghandhom, u hadd ma semma xejn iktar. Ma’ bintha hija ma kenitx tikkomunika hafna, izda indunat illi hija kienet inkwetata hafna. Eventwalment il-koppja izzewwgu. Hija xorta baqghet sorpriza ghaliex huma ma kenux igibu ruhhom bhala koppja normali li jinhabbu. Wara z-zwieg huma kienu jmorru ghandhom ghal ftit tal-hin kull nhar ta’ Hadd u wara johorgu. Hija tghid li bil-kemm kienet taraha lil bintha.

Waqt iz-zwieg il-koppja kienu siefru lejn l-Awstralja. Xi ftit wara li huma rritornaw, il-konvenut kien mar id-dar ghandhom, u beda` jdur mal-mejda jghajjat u jirrepeti li jrid jissepara. Sa dan il-mument ix-xhud tghid illi hija u zewgha ma kienu jafu b’xejn dwar dak li kien qieghed jigri u dan ghaliex l-attrici ma kenitx turihom. Zewgha kien qal lill-konvenut sabiex ma jiehux decizjonijiet daqshekk malajr, izda wara dan l-affarijiet bejniethom tant hzienu li spiccaw isseparaw. Tghid illi hija kienet haditha bi kbira hafna din l-ahbar u dan peress illi bintha ma kienx jixirqilha dan it-trattament li rceviet minn ghand zewgha. Hija tirrakonta espisodju meta binthom kienet cemplet ghall-ghajnuna peress illi zewgha kien refa’ jdejh fuqha. Wara dan l-incident bintha kienet bezghet tmur lura d-dar u kienet bdiet tghix ghandhom. Tirrakkonta illi b’konsegenza tax-xebgha li qalghet, bintha spiccat

imbengla f'hafna postijiet f'gisimha. Dan l-incident sehh meta l-koppja kienu diga` bdew il-proceduri ghas-separazzjoni.

Ix-xhud tirrakkonta incident iehor meta l-Pulizija bdew jinvestigaw tbaghbis fil-meter tad-dawl fil-post fejn kienu joqghodu l-kontendenti. Hija tghid li bintha kienet infurmathon li dan kien baghbsu John peress illi f'dak iz-zmien il-post kien jghajjat lil zewgha u ried jaghmel vendikazzjoni minn missierha u jgibu taht akkuza.

Hija tghid ukoll illi bintha kienet qaltilha illi wara z-zwieg, zewgha baqa' jibghat il-paga tieghu d-dar ta' missieru u baqa' ma dawwarx l-indirizz tul iz-zwieg tieghu biex b'hekk fuq l-*identity card* kien jidher l-indirizz tad-dar tal-genituri tieghu. Hija tghid illi l-familjari tal-konvenut kellhom pjacir hafna b'bintha u missieru ghadu sal-gurnata ta llum iddispjacut b'dak li ghamel ibnu.

Il-konvenut xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa jixhed u jghid illi ltaqa' ma' l-attrici meta kellu tnejn u ghoxrin sena. Dan gara madwar sittax-il sena ilu. Dak iz-zmien l-attrici kellha sbatax-il sena u kienet ghadha kemm spiccat l-iskola. Minn dak iz-zmien huma bdew johorgu flimkien bhala gharajjes. Jghid illi l-attrici kienet tfajla misthija hafna. Ftit tas-snin wara huma bdew jitkellmu sabiex jixtru post halli jizzewwgu. Jghid madankollu illi huma kienu ftehmu illi qabel ma jitlesta l-post ma jizzewwgux. Ftiehmu ukoll illi wara li jizzewwgu ihallu ftit tas-snin jghaddu qabel ma ikollhom it-tfal. Gara madankollu, illi waqt l-gherusija, meta huwa kellu hamsa u ghoxrin sena l-attrici harget tqila. Huwa jghid illi meta l-attrici saret taf b'dan, il-karattru taghha nbidel kompletament. Kienet bdiet taghmel minn kollox sabiex titlef it-tarbija li kellha go fiha. Kienet toqghod taghti fuq zaqqha sabiex twegga' u anke kienet tiehu hafna alkohol b'dan l-iskop. Dan kienet taghmlu fuq pariri minn shabha wara li kienet tistaqsihom x'kellha taghmel sabiex titlef it-tarbija. Huwa jghid illi meta l-attrici kienet ikkonfermat illi kienet verament tqila kienet siefret lejn l-Ingilterra u giet lura minghajr it-tarbija. Huwa jghid illi f'dak iz-zmien ir-reazzjoni tieghu ghal dan kollu kien illi jhallieha taghmel

dak li trid u dan ghaliex irraguna illi hija kellha l-eta` taghha u setghet tiddecidi hi.

Ikompli jghid illi meta l-attrici giet lura mill-Ingilterra, hija bdiet tinsisti hafna mieghu sabiex jizzewwgu u dan peress illi f'dak iz-zmien kienet inqalghet problema fil-familja taghha. Omm l-attrici kienet fethet qalbha mal-familja ta' l-gharusa ta' huha fuq dak li kien gara lil Lily u dwar il-vjagg taghha lejn l-Ingilterra. Wara ftit taz-zmien, hu l-attrici ma baqax gharus u l-istorja harget fil-berah. Kien inqala' hafna nkwiet ghaliex omm l-attrici bdiet twahhal f'missieru li hu kien fetah halqu u kixef l-istorja. Minhabba f'dan kollu l-attrici bdiet tinsisti mieghu sabiex jizzewwgu biex b'hekk hija tkun tista' ittaffi ftit dak li kien inxetered fuqha man-nies. Ghalkemm huwa kien qalilha illi kien fhemha u accetta d-decizjoni li hadet, l-attrici xorta bagqhet tinsisti li jizzewwgu. Huwa kien gibdilha l-attenzjoni ghall-fatt illi jekk jizzewwgu d-dar ma kenitx ghadha ser tkun lesta, izda l-attrici xorta wahda baqghet tinsisti li riedet tizzewweg. F'dak iz-zmien huma kien diga` kellhom id-data tat-tieg iffissata ghal xi sena ohra u hu ma xtaqx iressaq din id-data 'il quddiem, gialdarba l-attrici ma kenitx ghadha tqila, izda huwa accetta d-decizjoni taghha u ghamel dak li talbitu. Gara madankollu illi d-data taz-zwieg taghhom bagqhet l-istess u huma izzewwgu fit-23 ta' Gunju 1995. Jirrakonta illi fil-jum tat-tieg kollox kien mar tajjeb u minn naha tieghu ma dehrlux li kien hemm xi problemi. Huwa kien lest li jidhol ghaz-zwieg u dan peress illi huwa kien dara ma' l-attrici. Malli izzewgu kienu marru joqghodu gewwa dar qadima, proprjeta ta' omm l-attrici. Din id-dar kellha bzonn tigi irrangata u hu beda` jirrangaha.

Fl-ewwel sitt xhur taz-zwieg taghhom, ma kenux inqalghu problemi u kien jidher illi iz-zwieg taghhom kien sejjer tajjeb. Anke r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu sejrin tajjeb, fl-opinjoni tieghu. Izda xi sitt xhur wara hu u Lily kienu siefru u meta gew lura beda` l-inkwiet bejniethom. F'dak iz-zmien, jghid illi huwa kien iddecida li kellu bzonn ibiddel il-vann tieghu u iddecieda jixtri wiehed *second hand* u dan sabiex ma jonfqux il-flus u izommuhom ghall-post. L-attrici ma kenitx qablet ma' din

id-decizjoni ghaliex bdiet tinsisti li kellhom jixtru vann gdid. Jghid illi minn hawn l-attitudni taghha lejh inbidlet. Hija bdiet tghid illi huma ma kenux jaqblu flimkien u riedet tissepara. Dan gara sitt xhur wara iz-zwieg. Malli ra din l-attitudni taghha lejh, sitt xhur biss wara iz-zwieg, huwa kien staqsiha ghaliex kienet ghadha ma telqitux u hi kienet wegbitu illi d-dar kienet ta’ ommha u ghalhekk kellu ikun hu li jitlaq. Wara dan l-argument la hu u lanqas l-attrici ma kienu telqu mid-dar. Bdew rutina li jiggieldu kuljum fuq l-affarijiet iz-zghar u r-relazzjoni intima ta’ bejniethom spiccat ghal kollox. Jghid illi l-attrici lanqas kienet tkun trid tbiddel hwejjigha quddiemu. Jghid illi f’okkazzjoni partikolari huwa kien raha qeghda tbiddel u nnota li kellha xi tbengil f’saqajha vicin hafna l-parti intima taghha. Malli huwa ra dan beda` jahseb hazin fis-sens illi huwa beda` jahseb illi l-attrici kellha lil xi hadd iehor. Dan il-hsieb baqa’ iberren go mohhu iktar u iktar peress illi l-attrici ma baqghetx tifttxu sesswalment. Ukoll meta l-attrici kienet tasal lura id-dar mix-xoghol jew meta kienet tinhasel, hija kienet tbiddel mill-ewwel sabiex huwa ma jara xejn. Wara sitt xhur taz-zwieg, huwa jghid illi l-attrici sahansitra ma kenitx tkun trid tarah u kienet tiddejjaq fil-presenza tieghu. Bdiet tittraskura d-dar u li kienet taghmel kienet taghmlu ta’ bil-fors. Jghid illi meta kien jipprova imur ikellimha sabiex jiccara il-problemi ta’ bejniethom, hi ma kenitx titkellem u kienet tinghalaq f’kamritha. Kien hemm anke okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet thalli xi nota minflok tkellmu. F’dawn in-noti hija kienet tghidlu illi l-problema kienet gejja minnu u dan ghaliex ma riedx ikellimha. Huwa jghid illi dan ma kienx minnu, izda kien kollox l-oppost.

Jghid illi wara huwa irrealizza illi l-attrici kellha certa vizjoni ta’ kif kellu ikun iz-zwieg taghhom u meta rrealizzat illi z-zwieg ma kienx kif hasbet hi, hija bdiet taghmel minn kollox sabiex tohrog minnu. Ghalkemm huwa jghid illi pprova jaghmel minn kollox sabiex isalva z-zwieg taghhom, jghid illi l-attrici madankollu ma kenitx interessata. Jghid illi meta kien ikollhom xi argument, l-attrici kienet taqbad u titlaq lejn id-dar tal-genituri taghha u tidhol lura tard bil-lejl. Kull meta huwa kien jitlobha xi haga, hija kienet twiegbu illi ma kenitx is-seftura tieghu u li ma riedet tghamillu xejn. Meta kienet tmur lura id-dar, l-

attrici kienet tintefa bil-qeghda fuq il-mejda u ma tkellmux. Kienet anke tiekol wahedha u hu kien jiekol wahdu.

Fattur li huwa in-nota mill-bidu nett taz-zwieg taghhom kien illi l-attrici kienet influwenzata hafna minn shabha tax-xoghol. Dan kien sar iktar evidenti wara li beda` l-inkwiet bejniethom. Fil-fatt meta inqalghu l-problemi kienet bdiet tigi id-dar kollega taghha tax-xoghol sabiex tismaghhom u forsi tghinhom isolvu l-problemi taghhom. Huwa ma kienx jaqbel ma' dan ghaliex kien ihoss illi huma kellhom ifitxxu l-ghajnuna minn ghand *counsellor* u mhux minn ghand habiba taghha. Meta f'okkazzjoni huwa kien mar ifittex lill-attrici fuq il-post tax-xoghol taghha, kienu qalulu li ma kenux jafu fejn qeghda u li hu kien jaf fejn qeghda u ma kellmuhx aktar.

Jirrakonta illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet tagixxi b'mod stramb hafna mieghu u kienet taghmel affarijiet illi nies responsabbli ma kenux jaslu sabiex jaghmlu. Jghid illi kien hemm episodju fejn wara li kienu hargu flimkien u kienu sejrin lura lejn id-dar, filwaqt li kienu fil-karozza, kienu ggieldu fuq haga zghira u l-attrici bdiet thedded illi kienet ser taqbez minn gewwa l-karozza. Jghid illi li kieku f'dak il-mument hija sabet il-pum tal-karozza, kienet zgur taqbez, izda bil-fixkla dak il-hin ma sabitux. F'okkazzjoni ohra jghid illi Lily meta kienu fil-karozza fettilha f'daqqa wahda riedet tinzel u bdiet thedded illi jekk huwa ma jwaqqafx il-karozza, hija kienet ser taqbez.

Minn meta beda` l-inkwiet bejniethom u cjoe` minn sitt xhur wara z-zwieg, l-konvenut jilmenta illi martu bdiet tqatta' iktar u iktar hin fid-dar t'ommha u mhux taghhom. Kienet tiddependi hafna fuq il-familja taghha u lill-konvenut qataghtu totalment minn hajjtiha. Jghid illi il-familja taghha minflok jibghatuha lura d-dar bdew jimlewha kontra tieghu u jzommuha maghhom. Jghid illi ommha kienet tghidilha affarijiet fuqu li ma kenux minnhom u kienet tibghat tghid dawn l-affarijiet lill-familja tieghu. Fost affarijiet li kienet tghid kien hemm illi huwa kien mignun u li kellu bzonn imur ghand Tabib.

Il-konvenut jghid illi huma waslu fil-punt fejn l-attrici qabel ma titlaq mid-dar, kienet thajjru sabiex imur ifittex qahba ghaliex hija kienet tghidlu illi hu ghalhekk biss kien tajjeb. Jghid illi l-ahhar sentejn taz-zwieg huwa qattaghhom prattikament wahdu ghaliex l-attrici kienet tmur biss id-dar sabiex tiggieled mieghu, imbaghad titlaq ghand il-familja taghha.

Jiftakar illi huma kienu ghamlu xi zmien imorru ghand *counsellor*, izda dan kien kollu ghal ta' xejn u dan peress illi l-attrici kienet tigdeb u ghalhekk ma setghu qatt jaslu ghal soluzzjoni.
Huwa jirrakkonta illi kien ra kambjament fl-attrici minn qabel iz-wieg ghal wara u cjoe` filwaqt illi qabel iz-zwieg hija kienet tilbes decenti, wara iz-zwieg hija bdiet tilbes hafna skullat. Meta huwa kien jirrimarkalha dan il-fatt, hija kienet twiegbu illi huwa antikwat u ma jifhimx u kienet tibqa' tippersisti fl-agir taghha.

Ghalhekk huwa u l-attrici baqghu f'din is-sitwazzjoni ghal madwar sentejn. Wara sentejn u nofs li kienu ilhom mizzewwgin, kien hemm okkazjoni fejn l-konvenut dahal id-dar mix-xoghol u l-attrici kienet habtet ghalih. Din ma kenitx l-uniku okkazzjoni fejn hija kienet aggressiva mieghu. Sabiex huwa jiddefendi ruhu, jghid illi darba kien laqat lill-attrici fuq wiccha. Dak il-hin l-attrici kienet telqet mid-dar u qatt ma ghamlet tentattiv sabiex jerghu jirrangaw u minn dakinhar hija qatt ma regghet marret lura id-dar. Wara ftit taz-zmien huma kienu sseparaw bonarjament.

In kontro-ezami l-konvenut xehed illi huwa kien jaf illi l-attrici kienet harget tqila qabel iz-zwieg u huwa qatt ma cahad illi din it-tarbija kienet tieghu. Huwa jghid illi l-attrici kellha reazzjoni vjolenti lejn din l-ahbar u anke kien jaraha taghti fuq zaqqha. Ghall-ahbar jghid illi huwa ha gost ghaliex kien jaf illi din grat b'konsegwenza tar-relazzjoni sesswali li huma kellhom flimkien fuq xewqa ta' l-attrici stess. Huwa kien qalilha awtomatikament illi li kien hemm bzonn li isir kellu jsir. Ghall-ewwel huwa jghid illi l-attrici kienet ixxukjata u ma reditx temmen, u ghalhekk marru jivverifikaw ghand it-tabib. Kif huma kellhom konferma,

huwa kien qalilha illi kien lest jghinha finanzjarjament. Jghid illi huwa qatt ma offrielha li jizzewwgu, izda l-attrici mill-ewwel qaltlu li riedet li jizzewwgu. Huwa accetta, izda wara ftit hija qaltlu li riedet tmur l-Ingilterra u huwa ma kienx oppona, anzi seta' jifhem 'il ghaliex hija riedet taghmel dan. Huwa jghid illi ma hassx illi kellu jopponilha u lanqas hass li kellu jinsisti maghha sabiex jizzewwgu, minkejja l-fatt illi huwa kien jaf li it-tarbija kienet tieghu. Jghid illi dan l-fatt ma affettwahhomx fir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Kienet ommha li mbuttatha sabiex tiehu dan il-pass. Jichad illi huwa qatt akkuza lil-attrici li t-tarbija ma kenitx tieghu. Jghid illi wara dan il-pass, l-attrici kellha xi problemi fizici, izda l-emozzjonijiet taghha ma gewx affetwati b'dan l-episodju u baqghu johorgu flimkien b'mod normali.

Jghid illi l-ftehim ta' bejniethom kien illi jiffissaw id-data taz-zwieg kif il-post jitlesta gebel u saqaf, izda kienu ffissaw id-data kif kien nofsu lest il-post. Jghid illi wara illi l-attrici hadet il-pass li tmur l-Ingilterra, hija ma baqghatx tinsisti mieghu sabiex iressqu id-data taz-zwieg 'il quddiem. Jghid illi huwa kien accetta li jressqu id-data taz-zwieg 'il quddiem, meta sar jaf bl-ahbar illi hija kienet harget tqila u dan ghaliex huwa xtaq jghin lill-attrici, izda wara li marret l-Ingilterra, jghid illi ma kienx hemm ghalfejn jaghmlu dan.

Illi l-attrici pprezentat affidavit responsiv ghax-xhieda moghtija mill-konvenut, fejn hija cahdet u dan fir-rigward tat-tqala illi hija kienet taghmel l-atti imsemmija mill-konvenut fix-xhieda tieghu u cjoe` illi taghti fuq zaqqha. Hija cahdet ukoll illi tixrob l-alkohol u ghada sal-gurnata ta' llum ma tixrobx. Tghid illi kien il-konvenut li kien issuggerielha li tixrob il-*gin* u dan sabiex tkorri, izda hija dan ma ghamlitux. Tghid illi l-konvenut kien jaf illi hija ma tixrobx. Id-decizjoni sabiex hija tmur l-Ingilterra, tghid illi kienu haduha flimkien u l-konvenut kien anke taha xi flus ghall-ispejjez medici. Meta hija giet lura mill-Ingilterra, tghid illi bdiet tahsibha darbtejn dwar iz-zwieg, ghalhekk hija tichad illi kienet bdiet tinsisti mal-konvenut sabiex jizzewwgu. Tghid illi huwa beda` jaghmlilha abbuz indirett billi jghidilha illi jekk titilqu hija ma kenitx ser tkun tista'

issib lil haddiehor minhabba f'dak li kienet ghamlet u kien ibezzaghha u jwaqqghalha s-*self esteem*. Tghid illi l-konvenut ma kienx juri hegga ghaz-zwieg. Id-dar lanqas tlestiet sal-gurnata tat-tieg u l-konvenut lanqas wera nteress fil-preparamenti ghat-tieg.

L-attrici tichad illi l-problemi ta' bejniethom kienu bdew minhabba il-vann. Tghid illi l-konvenut beda` jsir suspettuz u beda` jakkuzaha li kienet qed tittradih, meta dan ma kienx minnu. Huwa ma ried jaf b'xejn u ghalhekk il-hajja mizzewwga taghhom tfarrket. Tghid illi huwa minnu li hija ma qablitx mal-konvenut li jibdlu il-vann u dan peress illi kellhom hafna spejjez fil-post.

Hija tkompli tghid illi l-konvenut kien ikun aggressiv maghha waqt l-argumenti u f'incident minnhom spiccat b'daqqiet fuq wiccha, f'rasha, f'saqajha u f'idejha. Huwa beda` jghid illi kienet habtet mat-televizjoni biex jipprova jghatti dak li kien ghamel. Dan l-incident sehh gimgha wara li kienu dehru il-Qorti ghas-separazzjoni. Minhabba is-swat li qalghet, hija kellha titlaq mid-dar matrimonjali b'dak biss li kellha fuqha u dan peress illi bezghet minnu u wara dan l-episodju huma komplew il-proceduri ghas-separazzjoni.

**<u>ii. PRINCIPJI LEGALI U APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qeghda tibbaza it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg** u precipwament ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (1) (a) (d) u (f)** u cjoe` illi il-kunsens ta' l-attrici inkiseb bi vjolenza morali, jew biza', illi il-kunsens tal-partijiet kien issimulat u illi l-partijiet ma kellhomx dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghall-hajja mizzewwga, filwaqt illi l-konvenut biss ma kienx kapaci jassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kien qed ibaghti minnha.

***<u>L-artikolu 19(1)(a):</u>***

Illi zwieg ikun null, taht din id-dispozizzjoni tal-ligi:

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’.”*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici x’aktarx qeghda tinvoka dan l-artikolu tal-ligi minhabba xi pressjoni morali maghmula mill-konvenut stess. Illi ghalhekk ma jidhirx illi qed jigi implikat xi forma ta’ vjolenza fizika fuq xi parti bhala *caput nullitatis*, izda biss biza’ u pressjoni morali ezercitata mill-konvenut fuq l-attrici u dan fis-sens, kif tixhed l-istess attrici, illi l-konvenut kien jheddidha illi minhabba dak li kienet ghamlet u cjoe` illi kient harget tqila qabel iz-zwieg u abortiet it-tarbija gewwa l-Ingilterra, kien ser ikun prattikament impossibli ghaliha li ssib persuna ohra lesta li tizzewwigha.

Il-vjolenza fizika jew morali tammonta ghal pressjoni ezercitata minn agent estern fuq persuna li tkun ser tizzewweg, b’mod li tinfluwenza l-azzjonijiet taghha. Il-biza’ hija l-effett li l-forza kemm fizika kif ukoll morali thalli f’mohh il-persuna li tkun ser tizzewweg.

Illi f’sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **“Marianne Calleja vs Francis Calleja”** (P.A. (RCP) moghtija fit-2 t’Ottubru 2002, gie deciz illi:

*“Biex il-pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra tista’ tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza’ esterna ta’ natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsens.*

*Sabiex vjolenza morali twassal ghall-effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi u (iii) determinanti. Il-biza’ trid tkun gravi, il-persuna li qed jezercitaha irid ikun kapaci pressumibilment li jezegwixxi dak li jhedded li jaghmel. Il-biza` trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid.*

*Il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilita' lil min ikun li jisfuggi minnha." (ara ukoll sentenza **"Josette Spiteri vs George Spiteri"**) (A.C. 9 ta' Jannar 2001).*

Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti waqt l-gherusija taghhom minghajr dubju kienet giet milquta mill-ahbar tat-tqala ta' l-attrici. Jidher illi z-zewg partijiet ma kenux ippreparati ghal din l-ahbar, kif x'aktarx ikun kulhadd f'cirkostanzi bhal dawn. Din l-ahbar kellha konsegwenzi serji hafna fuq l-emozzjonijiet ta'l-attrici. Fl-ewwel lok minhabba illi kienet ghadha ma hijiex mizzewwga u allura ahbar bhal din bil-fors illi inkwetatha mhux ftit u iktar u iktar minhabba l-fatt illi hija ma sabet l-ebda komfort u sostenn da parti tal-konvenut, b'konsgewenza illi hija spiccat hadet decizjoni drastika hafna li effetwatilha l-kumplament ta' hajjitha. Wara dan l-episojdu hija bdiet tirrealizza kif kien il-karattru tal-konvenut fir-realta` li xejn ma beda` joghgobha u ghalhekk bdew dehlin dubju serji fiha, jekk fil-fatt kellhiex tizzewweg lill-konvenut. Hija tghid fil-fatt illi wara din l-esperjenza hija bdiet thares lejn il-konvenut minn lenti ohra ghaliex irrealizzat illi ma kienx dak ir-ragel illi hija kienet lesta li tizzewweg. Fl-ewwel lok, l-konvenut beda` jichad illi t-tarbija kienet tieghu. Meta mbaghad accetta dan il-fatt, huwa ma kien ta' l-ebda sostenn ghaliha u ghalkemm huwa jixhed in kontro-ezami illi fil-fatt kien ha gost b'din l-ahbar tat-tqala, il-Qorti ssibha difficli hafna li taghti x-xhieda tieghu kredibbilta`, u dan meta fl-istess nifs, imbaghad huwa jghid illi ma hass li kellu jaghmel xejn sabiex iwaqqaf lill-attrici milli tiehu il-pass li kienet iddecidiet illi tiehu u kien anke ghina finanzjarjament sabiex taghmel dan. Dan iwassal lill-Qorti biex tifhem illi ghall-konvenut kien komdu dak illi ddecidiet illi taghmel l-attrici ghaliex b'hekk il-problema kienet tkun giet rizolta minghajr l-ebda intrigu ghalih. Tant hu hekk illi huwa lanqas ried iressaq id-data taz-zwieg 'il quddiem meta l-attrici ippropronietlu li jaghmlu dan, ghalkemm wara jghid illi accetta, izda xorta wahda l-attrici ddecidiet li tmur l-Ingilterra.

Illi kien minhabba dan l-agir tal-konvenut f'sitwazzjoni iebsa, fejn l-attrici kellha tant bzonn l-ghajnuna tieghu u

ma sabithiex, illi hija kienet bdiet tahsibha jekk kellhiex tidhol ghal dan iz-zwieg ma' din il-persuna. Izda f'dan il-mument meta l-emozzjonijiet ta' l-attrici kienu tant fragili, l-konvenut beda` juza pressjoni morali fuqha u jheddidha li ma kienet ser issib lil hadd dispost jizzewwigha minhabba dak li kienet ghamlet. Dan kollu wassal sabiex l-attrici ma kellhiex iktar stima taghha innifisha u kien f'dan id-dawl illi hija iddecidiet li tizzewweg lill-konvenut.

Illi hawnhekk il-Qorti tixtieq tirrileva illi x-xhieda tal-konvenut ma tantx kienet wahda kredibbli u mill-istess xhieda huwa evidenti illi dak li tghid l-attrici huwa iktar verosimili. Fl-ewwel lok huwa difficli sabiex wiehed jifhem ir-reazzjoni kemmxejn placida u *laissez-faire* tal-konvenut ghall-ahbar tat-tqala ta' l-attrici li jhallieha libera tiehu id-decizjoni li trid hi minghajr ma jipprova jikkonvinciha bil-kontra gialdarba huwa jghid illi ha gost bl-ahbar tat-tqala. Fit-tieni lok hemm konfliggenza fix-xhieda tal-konvenut, meta jghid illi wara illi giet lura mill-Ingilterra, l-attrici xorta baqghet tinsisti mieghu illi kellhom iressqu id-data taz-zwieg 'il quddiem u jirrakonta storja ghaliex l-attrici riedet taghmel dan, imbaghad in kontro-ezami huwa jsostni illi ma kienx hemm ghalfejn isir dan u fil-fatt huma zzewwgu fid-data li kienet giet ippjanata originarjament bejniethom.

Illi il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi dak li wassal lill-attrici sabiex taghti l-kunsens matrimonjali taghha kien dik il-pressjoni morali ezercitata fuqha mill-konvenut f'mument meta hija kienet emozzjonalment instabbli tant illi hija x'aktarx minhabba s-sens ta' htija li bdiet thoss minhabba dak li kienet ghamlet, wasslet biex emmnet dak li beda` itambrilha ripetutament il-konvenut, illi jekk ma taghmilx dan il-pass hija ma kienet ser ssib lill-ebda persuna ohra li tizzewwigha minhabba dak li kienet ghamlet. Il-Qorti hija tal-fehma illi din kient l-uniku bazi ghal kunsens matrimonjali ta' l-attrici u xejn izjed ghaliex wara l-esperjenza li ghaddiet minnha, hija ma kellha l-ebda ntenzjoni li tizzewweg lill-konvenut.

***L-artikolu 19(1) (d):***

Illi l-attrici qieghda tibbaza l-kawza ghall-annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut fuq dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att taz-Zwieg** li jghid testwalment:

Illi zwieg ikun null, taht din id-dispozizzjoni tal-ligi:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk, il-partijiet, f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*." (**Forum 1990**. Vol.I. part 1, pg.72)

Il-kuncett tad-*discretio iudicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li ikunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u id-drittijiet konjugali kemm fil-present kif ukoll fil-futur. Inoltre il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' -emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod

nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"**, deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP) gie deciz is-segwenti:

*"Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. … Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. " Fis-sentenza taghha, l-Qorti tkompli issostni: " Illi ghalhekk biex ikun hemm nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Il-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 fejn il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila ta' ***Pompedda*** il-Qorti sostniet: "*In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cjoe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole*."

L-istess sentenza tidhol fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza 14 t'Awissu 1995), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat is-segwenti:

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within."*

Is-**subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita` taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata: "*Inkapacita jew impossibilita vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta'*

*anomalija psikologika serja indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita' di intendere e/o di volere.*

Fis-sentenza hawn fuq citata, **"Louise Vella vs Louis Vella"**, fil-fatt il-Qorti tistqarr: *"Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad dritt kanoniku (Can.1095(3)), tirrikjedi mhux semplici diffikulta', izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Finalment ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu. Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et. noe."** (Cit.Nru. 2443/97RCP) gie deciz:

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap.255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma 'the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to*

*remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characterisitics.' (**Viladrich, P.J.** Op.Cit., p.687)".*

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina din id-dispozizzjoni tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi il-Qorti diga` elaborat dwar dak li kien il-bazi tal-kunsens matrimonjali moghti mill-attrici. Mara li tkun ghaddiet minn esperjenza bhal din u cjoe` illi tkun harget tqila qabel iz-zwieg, wasslet biex hadet decizjoni sabiex tehles mit-tarbija taghha, ma sabet l-ebda sostenna minn naha ta' missier it-tarbija emozzjonalment u li sussegwentement issubiet pressjoni morali minn naha ta' l-gharus taghha sabiex tizzewweg, certament ma jistax ikollha dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju, kif legalment espost iktar 'il fuq rikjest mil-ligi sabiex taghti l-kunsens matrimonjali.

Minn naha tieghu, l-konvenut jidher illi ghalkemm kien ragel matur fl-eta' tieghu, izda ukoll naqas illi jifhem x'kienu r-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewwga, tant illi anke qabel iz-zwieg, meta hu u l-gharusa tieghu kellhom problema, li fuq kollox koppji ohra jsibu ruhhom fiha, huwa lanqas kien kapaci jerfa' r-responsabbiltajiet tieghu u halla lill-attrici tiehu decizjoni drastika minghajr ma habbel rasu. Ghalih din kienet l-iktar decizjoni komda ghalih, anke jekk dan seta' pogga il-hajja tal-mahbuba tieghu fil-periklu u anke jekk dan fisser illi huwa kien ser jitlef l-uniku wild tieghu. Huwa jixhed u jghid bl-ikbar kalma: *"Jiena ma hassejtx li kelli nopponielha (li tmur lejn l-Ingilterra) u lanqas li ninsisti maghha li nizzewwgu minkejja li kont naf li it-tarbija kienet tieghi."* bniedem b'dawn il-hsibijiet li jirraguna b'dan il-mod, certament ma jistax ikollu dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju necessarja sabiex wiehed jidhol ghal kuntratt taz-zwieg meta huwa *a priori* qieghed jehles minn kwalunkwe responsabbilita' bhala sieheb f'relazzjoni bejn tnejn minn

nies li ser iwassal ghall-kuntratt taz-zwieg. Lanqas interess li titlesta d-dar matrimonjali ma kellu l-konvenut, tant illi meta il-kontendenti isseparaw, din id-dar kienet ghadha ma tlestiex. Dan jidher car ukoll mill-agir tal-konvenut matul il-hajja matrimonjali, fejn huwa kien anke vjolenti ma' l-attrici. F'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll illi x-xhieda tal-konvenut hija kemmxejn inverosimili, ukoll meta huwa jghid illi l-inkwiet bejniethom fiz-zwieg beda` minhabba x-xiri ta' vann u ghalhekk il-verzjoni ta' l-attrici hija iktar wahda kredibbli, meta hija tghid illi l-konvenut beda` jghir ghaliha b'mod irragjonevoli. Alla hares kull zwieg jitfarrak minhabba nuqqas ta' qbil fuq decizjoni wahda ta' mportanza minima! Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi certament kien hemm ragunijiet ohra, iktar gravi, li wassal sabiex dan iz-zwieg wara sitt xhur biss jitfarrak.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-kontendenti, it-tnejn ma kellhomx fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju necessarja sabiex jidhlu ghall-kuntratt taz-zwieg. Dan huwa rifless, kif diga` nghad, fil-hajja qasira li kellu z-zwieg taghhom, meta sitt xhur biss wara, kien sfaxxa kollox.

Illi fir-rigward tat-talba attrici illi l-konvenut kien qieghed ibaghti minn xi anomalija psikologika li setghet taffetwalu r-rieda tieghu ghaz-zwieg, ghandu jinghad illi ma jirrizulta minn imkien mill-provi migjuba quddiem il-Qorti illi l-konvenut seta` kien qieghed ibaghti minn xi anomalija psikologika serja li tista tinvalida l-kunsens matrimonjali.

**<u>L-artikolu 19 (1) (f).</u>**

Illi finalment l-attrici ticcita ukoll l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jiddisponi illi zwieg ikun null:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*

Hawnhekk il-ligi qeghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens

matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta’ kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **“El Nuevo derecho matrimonial canonico”** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:

*“Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l’incontro di diverse volonta in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo’ essere descritto come l’incontro della volonta’ di un uomo e di una donna in ordine alla cotituzione dello stato coniugale.”*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b’xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta’ persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta’l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma’ dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*“Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta’ di celebrarlo, mentre in realta’ nell’interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e’ necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell’interno della volonta.” (**J.F.Castano** – **Il sacramento del matrimonio**).*

Il-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita’ tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi il-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda

jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha il-volonta u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista ikun illi mic-cirkostanzi kollha li isegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali ikun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. (O.Giacchi – Il consenso matrimoniale canonico).*

Illi dan is-subartikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2000 (Cit.Nru. 1019/98RCP) u il-Qorti qieghda taghmel ghalhekk ampja referenza ghal principji legali enunzjati fl-istess.

*Inoltre* f'sentenza fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"** deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP), il-Qorti stqarret is-segwenti u dan b'referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et. Noe"**:

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”*

(Ara ukoll **“Josette Lungaro vs Jesmond Lauro”** – P.A.RCP, 1 ta’ Frar 2001; **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** – P.A.RCP, 8 ta’ Novembru 2000; **“Carmen El Shimi vs Ibrahim El Shimi”** - P.A. NA, 20 ta’ Gunju 2000 u **“Albert Grech vs Josette Grech”** - P.A.RCP, 30 t’April 2002) fost ohrajn).

Illi mill-assjem tal-provi migbura u fid-dawl ta’ dak sottomess iktar ‘il fuq, u cjoe` illi l-kunsens ta’ l-attrici kien ivvizzjat fid-dawl ta’ dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, il-Qorti thoss li din id-dispozizzjoni ma gietx ippruvata u ma taqbilx mal-konkuzjonijiet tal-Perit Legali f’dan ir-rigward. Ghalhekk it-talba attrici a bazi ta’ dan l-artikolu qed tigi michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Gunju 1995 huwa null u bla effett u dan *stante* li l-kunsens ta’ l-attrici kien ivvizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255**, u peress li l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) ta’ l-istess Kap**, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------